MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 188/2006

**A.**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-2 ta’ Ġunju, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

Illi l-kontendenti żżewġu fil-25 ta’ Jannar, 1992 (Att taż-Żwieġ anness bħala Dok. “A”).

Illi wara biss sena u nofs jgħixu flimkien, il-partijiet isseparaw *de facto* u sussegwentement isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 11 ta' April, 1995, fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia (kopja Dok. "B").

Illi ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jiġi dikjarat null stante li l-kunsens tal-attur kien vizzjat b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta tagħha fixklet serjament il-ħajja miżżewġa.

Illi inoltre l-kunsens tal-konvenuta kien ukoll vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha.

Illi għalhekk iż-żwieġ ta' bejn il-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tgħid għalhekk il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara null u invalidu ż-żwieġ kuntrattat mill-kontendenti fil-25 ta' Jannar, 1992 u reġistrat permezz tal-Att taż-Żwieġ numru 91/1992 ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ, Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba r-raġunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fil-5 ta' Settembru, 2006 li permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett u bil-ġurament tagħha kkonfermat:

1. Illi l-esponenti tiddikjara, ai termini tad-digriet ta' din l-

Onorabbli Qorti datat 16 ta' Awissu, 2006, illi m'hemmx kawża pendenti quddiem it-Tribunal Ekkleżjastriku.

2. Illi l-esponenti taqbel li ż-żwieġ tagħha mar-rikorrent li seħħ fil-25 ta' Jannar, 1992 għandu jiġi dikjarat null minħabba vizzju fil-kunsens tal-istess rikorrent ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u (d) tal-Att dwar iż-Żwieġ (Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u tal-konvenuta u ta' omissis.

Semgħet lill-partijiet in kontro-eżami.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Jannar, 1992 a bażi ta' l-artiklu 19 (1) (ċ) u (d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta effettivament ammettiet it-talba fir-risposta tagħha. Naturalment, kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta*

*ċara u mingħajr dubbju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991). Dan japplika anke f'każ ta' ammissjoni bħal dak odjern.

L-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardjaw (għalkemm mhux indikati espressament);

19 (1) (ċ) – il-kunsens vizzjat minħabba qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-oħra li jfixkel il-ħajja miżżewġa.

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Il-Qorti hija tal-fehma illi mill-provi li tressqu huwa evidenti li l-partijiet iżżewġu minħabba ċ-ċirkostanzi li sabu ruħhom fihom u ma tawx ċans biex ikunu jafu lil xulxin sew qabel ma żżewġu. In fatti jirriżulta li fiż-żmien in kwistjoni l-attur kien litteralment mingħajr saqaf fejn jorqod għaliex kien tlewwem ma' missieru. Il-konvenuta da parti tagħha kienet tgħix ma' nannitha għaliex tilfet lil ommha żgħira ħafna u ma kinitx tinġieb ma' missierha. Ma kinitx għalhekk kuntenta lanqas. Għalhekk fil-mument li bdew joħorġu flimkien raw fiż-żwieġ l-uniku mezz biex joħorġu mis-sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha. Il-Qorti kif ġia' ingħad semgħet ukoll lill-partijiet u għandha ċ-ċertezza li da parti tal-partijiet kien hemm ċertament difett serju ta' diskrezzjoni kif trid il-liġi biex iż-żwieġ jiġi dikjarat null. Anke l-mod kif il-partijiet tbegħdu minn xulxin kważi immedjatament wara li żżewġu u eventwalment daħlu f'relazzjoni li tidher aktar duratura jindika dan. Għalhekk tirriżulta l-kawżali taħt is-sub-inċiż (d) imsemmi.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-partijiet kontrattat fil-25 ta' Jannar, 1992. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------